MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 50/2022-8

Il-Ħamis, 12 ta' Mejju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza b'mod virtwali fuq MS Teams fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Dott Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott Marlene Cini.

50.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.**

50.2 Attivita' għas-Sajf

Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri illi ġiet avviċinata mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir festival ta' mużika. Infurmat lil membri li dan ser jiddaħħal fil-kalendarju kulturali u għandu jsir is-Sibt, 23 ta' Lulju 2022. Infurmat lil membri li l-idea hi li jsir fi Triq il-Batterija u jissemma' Xwejni Music Fest. Dan il-festival ser jieħdu sehem fih il-preżentatur Ron Briffa, Ivan & Band, Micimago, DJ Ryan Spiteri u Cheryl Balzan. Proponiet sabiex l-Għaqdiet tar-raħal jieħdu ħsieb il-*bars,* l-ikel u t-*tokens* u jieħdu l-qliegħ huma. Kompliet tgħid li l-Banda għandhom jieħdu ħsieb il-promozzjoni ta' dan il-festival. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa kemm jinvolvi spejjes. Is=Sindku nfurmatu illi l-ewwel għandha timtela' l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm ser jingħata fondi. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech staqsiet jekk hux ser ikun qed jinħaraq nar, is-Sindku nfurmata illi hemm il-ħsieb li jsir nar sinkronizzat ma waħda mid-diski. Il-Kunsillier Daniel Cordina informa lil membri li hu jaqbel ma dan il-festival la l-Kunsill ser ikollu l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku, Dr Marlene Cini infurmat lil membri illi qed tassumi li l-Kunsill jonfoq €10,000 mill-fondi tiegħu.

Il-membri qablu unanimament illi dan il-festival għandu jsir.

**Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħodu.**

Dott Marlene Cini

Sindku

Odette Camilleri

Segretarju Eżekuttiv